MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1180/2013

**Frank Borda Limited**

**Vs**

**En Route Malta Drive Limited u Jeremy Bonello in solidum**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-10 ta’ Dicembru 2013 l-attrici ppremettiet li:

1. Permezz ta’ varji agreements li saru bejn is-27 ta’ Jannar 2005 u t-22 ta’ Awissu 2008 bin-numri ta’ riferenza 12954, 13400, 13426, 13425, 13109, 13266, 13390, 13114A u 13463, il-konvenuti ftehemu li jixtru u jakkwistaw minghand l-attrici vetturi.

Skond klawzola tmienja (8):-

*"The person signing this agreement on behalf of the hirer is hereby guaranteeing the hirers obligations and hereby binds himself as jointly and severally with the hirer."*.

Fuq dan il-bejgh hemm bilanc ta' tlieta u disghajn elf disa' mija u tnejn u tletin ewro u tlieta u sittin centezmu (€93,932.63) kif indikat fil-prospett markat Dok. C.

Ghaldaqstant l-attrici talbet li:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;
2. Tikkundanna lill-konvenuti solidarjament bejniethom sabiex ihallsu s-somma ta' €93,932.63 ghar-ragunijiet premessi.

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuti gew notifikati izda ma deherux.

Fis-seduta tal-lum xehed Darren Dedomenico fejn ikkonferma li l-konvenuti baqghu ma hallsu xejn mill-ammont li qieghed jintalab f'dawn il-proceduri.

Skond l-Artikolu 170 tal-Kap. 12, il-qorti ghandha tilqa' t-talba tal-attur meta f'kawza bi procedura sommarja l-konvenut jibqa' kontumaci.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu lill-attrici s-somma ta' tlieta u disghajn elf disa' mija u tnejn u tletin ewro u tlieta u sittin centezmu (€93,932.63) bl-imghax mill-1 ta' Lulju 2012, bl-ispejjez kontra l-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------